MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 226/2002/1

**Anthony Miceli Farrugia u Henry Micallef in rappresentanza tal-Conservatorio Vincenzo Bugeja**

**Vs**

**Franco Borg u Paul Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghliex ma ghandhomx jigu kundannati li jizgumbraw mill-fondi kummercjali 138/139 u 141 East Street, Valletta, li l-konvenuti qed jokkupaw bla ebda titolu validu skond il-ligi, f'terminu qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss mill-istess Qorti.

B'rizerva tad-danni ta' okkupazzjoni u bl-ispejjes kontra taghhom, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Il-valur lokatizju ghall-fini tal-kompetenza huwa ta’ wiehed u hamsin lira Maltin (Lm51) fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 13 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:

Illi t-talbiet huma infondati fid-dritt peress illi huma wirtu l-kirja ta’ fond kummercjali u ghalhekk intolati li jkomplu fl-istess kirja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-allegat titolu kif sottomess fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti xehdu permezz ta’ “affidavit” (ara fol 26 u fol 27 ibid). Franco Borg sostna li l-fondi in kwistjoni kienu mikrijin minn nannuh, Gaetano Borg. Wara l-mewt ta’ dan, jidher li dahal fl-istess kirja, zijuh bl-istess isem u l-kunjom. Meta dan miet, il-wirt tieghu kienet regolata mit-Testment, imsemmi fl-istess xhieda, u permezz ta’ dan kienu wirtuh hutu Carmelo Borg, missier il-konvenut, u John sive Johnny Borg, missier il-konvenut l-iehor li, skond ix-xhud, kien jhallsu l-kera li kienet tkun accettata mis-sidien.

Hu kompla biex jghid li l-genituri tieghu mietu intestati, u l-eredi taghhom kienu l-istess konvenut u ohtu Phyllis Schembri. Ghalhekk, il-konvenut sostna illi l-kera in kwisjtoni kienet intestat, finalment, minnu u l-konvenut l-iehor, kuginuh Paul Borg. In rigward dan tal-ahhar Paul Borg dan, fl-“affidavit” sottomess minnu kkonferma, tista tghid kelma b’kelma, dak li xehed Franco Borg.

Ikkunsidrat

Illi Henry Micallef (fol 28 et seq ibid) in rappresentarja tal-Konservatorju attur, spjega li l-ahhar skadenza ta’ kera kienet thallset minn Gaetano Borg u kienet tkopri l-perjodu sal-31 ta’ Dicembru 1986. Wara din id-data , ma thallset ebda, skadenza ohra ta’ kera u lanqas ma kien sar xi depositu tal-istess fir-Registru tal-Qorti. Inoltre x-xhud

jsostni illi l-istess postijiet dejjem sabhom u rahom maghluqin. Difatti hu kien indaga u sab li Gaetano Borg kien miet, bhala guri, fil-5 ta' Marzu 1985. Inoltre hu kien tkellem ma wiehed mill-konvenuti, li kellu c-cavetta u meta kien mar sabiex jidhol fl-istess postijiet akkumpanjat minn "zewgt ahwa' kif ukoll Perit Arkitett u ibnu, il-post kien maghluq u minhabba li ma setax jinfetah bic-cavetta, wiehed mill-konvenuti kien uza mazza ghal dan il-ghan. Meta dahal hu kien ra u sab 'hafna imbarazz' kien hemm 'riha ta' maghluq' u ' Il-post kien jidher traskurat u mahmug' (ara l-annessi ritratti a fol 31 A tal-atti). Dwar l-istess postijiet in kwistjoni, x-xhud semma li "…. Fil-kotba taghna …. Huma imnizzlin bhala 'store' u "…… wiehed minnhom kien jintuza bhala hanut li minnu jinbieghu affarijiet tas-sajd minn Gaetano Borg, waqt li r-rimanenti kien jintuza bhala mahzen".

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, jkun opportun li ssir referenza ghal Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta stante li trattasi ta' allegata kirja, wara li skada l-perijodu originali miftiehem bejn il-postijiet involuti b'mod specjali ghall-artikolu 2 ta' dan il-Kapitolu fejn hemm definit "hanut" u "kerrej" ma hemm ebda dubbju li l-postijiet in kwistjoni ghandhom jigu kunsiderati bhala 'hanut' skond is-sens moghti lil din il-kelma tal-istess ligi. In rigward 'kerrej', l-istess Kapitolu citat jghid li din il-kelma '… tfisser ukoll …. ( c) fil-kaz ta' hanut, meta l-kerrej ma jhallix warah armla jew armel, dawk il-persuni li jkunu jigu minnu mid-demm jew bi zwieg sal-grad ta' kugin inklusivament basta li, f'dan l-ahhar kaz, dawn il-persuni jkunu l-werrieta tal-kerrej'. Mill-provi prodotti, jidher li l-konvenuti jinkwadraw ruhhom taht id-definizjoni moghtija ta' "kerrej" u ghalhekk bl-operat ta' dak kollu stipulat fl-istess Kapitolu, dan il-kaz jidher li hu ta' gurisdizzjoni u ta' kompetenza tat-Tribunal istitwit mill-istess ligi citata cjoe il-Bord li Jirregola l-Kera.

Illi, ghalhekk, jidher li din il-Qorti ma tistax tiddeciedi dan il-kaz, fil-meritu u ghadha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess kaz stante li jidher li l-konvenuti

ghandhom titolu vantat minnhom a basi tal-Kapitolu 69 citat.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddikjara lilha nnifisha bhala inkompetenti sabiex tkompli tisma’ dan il-kaz fil-meritu u tastjeni milli tisma l-istess kaz.  In rigward l-ispejjes, fic-cirkostanzi tal-istess kaz kif hemm fuq sintetizati, kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------